## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 02/2024

**Data tal-laqgħa:** 3 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-19:05 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Kunsillier*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsillier*** |
| Bernice Caruana | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Matthew Agius Zammit ippreseda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 2.2 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

2.2.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet ser ittemm l-impjieg tagħha mal-Kunsill fit-12 ta' Lulju, 2024, kien hemm il-ħtieġa li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill ma jispiċċax mingħajr din il-pożizzjoni importanti, sakemm tinħareġ is-sejħa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex jiġi mimli dan il-post vakanti.

2.2.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li l-Kunsill kien qed jinnomina lis-Sa. Maria Briffa Callus biex tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Is-Sa. Briffa Callus għandha esperjenza vasta fil-Kunsilli Lokali peress li hija impjetat f'Kunsill Lokali ieħor.

2.2.3 Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew din in-nomina u qablu li s-Sa. Briffa Callus għandha tiġi maħtura bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett minn nhar it-Tnejn, 8 ta' Lulju, 2024, biex tilħaq tingħata *handover* mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti.

2.2.4 Għaldaqstant, il-Kunsillier Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tiġi approvata n-nomina biex is-Sa. Maria Briffa Callus tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-8 ta' Lulju, 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Loranna Bonnici, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 2.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.3.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

2.3.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2024 fil-17:00hrs.

2.3.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30hrs.

Matthew Agius Zammit
***Sindku***

Maria Briffa Callus
***Deputat Segretarju Eżekuttiv***
*(fl-assenza ta' Antonia Demicoli)*

**Data:** 17 ta' Lulju, 2024

**Mozzjoni Ref:** 002/24/10

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata n-nomina biex is-Sa. Maria Briffa Callus tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-8 ta' Lulju, 2024.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Loranna Bonnici |

*Waslet għand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 3 ta' Lulju, 2024

Antonia Demicoli
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**